

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2012 — EnBW Energie Baden-Württemberg vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-344/08) <sup>(1)</sup>

“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Fajl amministrattiv ta' proċedura fil-qasam tal-akkordji — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' investigazzjoni — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' terz — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali — Obbligu tal-istituzzjoni kkonċernata li twettaq eżami konkret u individwali tal-kontenut tad-dokumenti msemmija fl-applikazzjoni għal aċċess”

(2012/C 194/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: EnBW Energie Baden-Württemberg AG (Karlsruhe, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Bach u A. Hahn, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment P. Costa de Oliveira, A. Antoniadis u O. Weber, sussegwentement A. Bouquet, P. Costa de Oliveira u A. Antoniadis, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: K. Petkowska, S. Johannesson u A. Falk, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Siemens AG (Berlin u Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Brinker, C. Steinle u M. Holm-Hadulla, avukati); u ABB Ltd (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentanti: inizjalment J. Lawrence, solicitor, u E. Whiteford, barrister, sussegwentement J. Lawrence u D. Howe, solicitor)

#### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni SG.E.3/MV/psi D(2008) 4931, tas-16 ta' Ġunju 2008, li tiċħad l-aċċess għall-fajl tal-proċedura COMP/F/38.899 — Switchgears insulati bil-gass.

#### Dispożittiv

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SG.E3/MV/psi D(2008) 4931, tas-16 ta' Ġunju 2008, li tirrifjuta l-aċċess għall-fajl tal-proċedura COMP/F/38.899 — Switchgears insulati bil-gass, hija annullata.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn EnBW Energie Baden-Württemberg AG.
- (3) Ir-Renju tal-Isvezja, ABB Ltd u Siemens AG għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 272, 25.10.2008.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2012 — Svilupp Globale vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-6/10) <sup>(1)</sup>

“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Sostenn lill-awtoritajiet doganali u fiskali tal-Kosovo — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att konfermattiv — Inammissibbiltà — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti relatati mal-proċedura ta' sejħa għal offerti — Rifjut parzjali ta' aċċess — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' terz — Motivazzjoni insuffiċjenti”

(2012/C 194/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Svilupp Globale GEIE (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: F. Sciaudone, R. Sciaudone u A. Neri, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u F. Erlbacher, aġenti, assistiti minn P. Manzini, avukat)

#### Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-10 ta' Novembru 2009, li tiċħad l-offerta mressqa mill-konsorzju li r-rikorrenti tiffirma parti minnu, fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti EuropAid/127843/D/SER/KOS, dwar il-provvista ta' servizzi ta' sostenn lill-awtoritajiet doganali u fiskali tal-Kosovo (ĠU 2009/S 4-003683), kif ukoll, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-26 ta' Novembru 2009, li tirrifjuta lill-konsorzju l-aċċess għal ċerti dokumenti relatati mal-proċedura ta' sejħa għal offerti msemmija

#### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli inkwantu dan huwa intiż kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-10 ta' Novembru 2009, li tiċħad l-offerta mressqa mill-konsorzju li r-rikorrenti tiffirma parti minnu, fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti EuropAid/127843/D/SER/KOS, dwar il-provvista ta' servizzi ta' sostenn lill-awtoritajiet doganali u fiskali tal-Kosovo
- (2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-26 ta' Novembru 2009, li tikkonċerna l-aċċess għal ċerti dokumenti relatati ma' din il-proċedura ta' sejħa għal offerti hija annullata sa fejn din irrifjutat l-aċċess, fil-verżjoni ppubblikata tar-rapport ta' evalwazzjoni, għall-marki mogħtija mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni kif jinsabu fil-paġni 3 sa 5 ta' dan ir-rapport.
- (3) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- (4) It-talba tar-rikorrenti intiża għall-adozzjoni ta' miżuri istruttorji hija miċħuda.